MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 759/2001/1

**Rikors numru 759/01DM**

**Xuereb Installations Ltd**

**Vs**

**G V Xuereb Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta’ erba’ telef disa’ mija u ghoxrin lira Maltin u tieta u sebghin centezmu (Lm4920.73) in kwantu ghal elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1276.98), import ta’ kambjala li skadiet fit-18 ta’ Gunju 2001 annessi mal-avviz bhala Dok “A”, elf tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1357.85) import ta’ kambjala li skadiet fit- 18 ta’ Lulju

2001 annessi mal-avviz bhala Dok “B” elf mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1142.95) import ta’ kambjala li skadiet fit-18 ta’ Awissu 2001 annessi bhala Dok “C” u elf mija u tnejn u erbghin lira u hamsa u disghin centezmu (LM1142.95) import ta’ kambjala ohra li mmaturat fit-18 ta’ Settembru 2001 annessa mall-avviz bhala Dok “D”.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv, bir-rappresentanza tal-kumpanija konvenuta ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici lanqas ma dehret rapprezentanza taghhom biex jirrispondi ghad-domani in subizzjoni u wara li rat ukoll in-nota ta’ ammissjoni pprezentata mid-difensur tal-likwidatur fis-seduta tal-lum stess, rat ukoll il-kambjalijiet originali esibiti mal-avviz issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghdha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ telef disa’ mija u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm4920.73) bl-imghaxijiet legali skond it-talba;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------